

# Is-Sempreviva t'Għawdex

Christon Joseph Grima
Year 5

Is-Sempreviva hija speċi **endemika**. Dan ifisser li din il-pjanta nsibuha f'pajjiż wieħed biss fid-dinja kollha. Dan il-pajjiż hu proprju Malta tagħna!



Din il-pjanta hi aktar magħrufa bħala s-Sempreviva t'Għawdex għaliex hemm probabilita' li din ġiet estinta fil-gżira ta' Malta. L-isem "Sempreviva" jfisser "dejjem ħajja." Dan l-isem ingħata lil din il-pjanta peress li meta mnixxfa l-fjura tagħha sservi għal diversi snin.

L-isem bijoloġiku ta' din il-pjanta hu ***Helichrysum Melitense***. Din il-pjanta tagħmel parti mill-familja *Asteraceae*, l-istess familja tal-ġirasol.

Din il-pjanta tikber f'forma t'**arbuxell** u tagħmel ħafna **fjuri sofor żgħar**. Dawn il-fjuri għandhom riħa ta' kari u jikbru bejn Marzu u Ġunju.

Il-weraq tas-Sempreviva huma miksija b'tip ta' xagħar bajdani li meta mxarrab jidher aħdar. Dawn il-weraq iżommu fihom l-ilma biex il-pjanta tkampa fin-nixfa tas-Sajf Malti. Din il-pjanta għandha tul li jvarja bejn għoxrin ċentimetru sa sebgħin ċentimetru. Aktar ma jgħaddi ż-żmien din il-pjanta aktar qed tinqered u qiegħda f'riskju li tiġi estinta.

Minħabba r-rarità tagħha s-Sempreviva hija protetta bil-liġi (LN311/2006) u għalhekk ma tistax tintmess.



Il-postijiet immarkati bl-isfar jimmarkaw fejn insibu s-Sempreviva f'Għawdex.



# Għaliex qed tinqered din l-ispeċi?

- Diversi nies jaqtgħu, jirfsu, jaqilgħu jew iqaċċtu din il-pjanta.
- Pjanti oħra li jikbru fl-istess ambjent kapaċi jeqirduha.
- Annimali jew insetti jieklu minnha jew huma u jħaffru madwarha jagħmlulha l-ħsara.
- Ir-riħ u l-mewġ qawwi ukoll kapaċi jkissru din il-pjanta.
- Il-bidla fil-klima ukoll kapaċi ttellef lil din il-pjanta milli tkompli tikber f'pajjiżna.



## Konklużjoni

Li kieku postijiet bħad-Dwejra Għawdex m'humiex imħarsa, is-Sempreviva tista' tinqered għal kollox.